

Brussell  
(OR. en)

13255/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0219 (APP)**

---

**GAF 66  
FIN 889  
CADREFIN 390**

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:           REGOLAMENT TAL-KUNSILLi jestendi għall-Istati Membri mhux  
parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament(UE) .../...<sup>+</sup> tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u  
taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027  
(il-programm "Pericles IV")

---

---

<sup>+</sup> Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS  
...(2018/0194 (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-  
Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL(UE) 20../....

ta' ....

**li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni  
tar- Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l  
i jstabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro  
kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Waqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

---

<sup>+</sup> Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ... (2018/0194 (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

<sup>1</sup> Approvazzjoni ta' ..... (għadha m'hiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru.../...<sup>+</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> stabbilixxa l-programm “Pericles IV” u japplika fl-Istati Membri f’konformità mat-Trattati. L-Artikolu 139 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-miżuri li jirregolaw l-użu tal-euro msemmija fl-Artikolu 133 tiegħu m’għandhomx japplikaw għall-Istati Membri b’deroga.
- (2) Madankollu, l-iskambju tal-informazzjoni u l-persunal u l-miżuri ta’ assistenza u taħriġ implimentati taħt il-programm Pericles IV jenħtieġ li jkunu uniformi fl-Unjoni kollha. Għaldaqstant, jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun garantit l-istess livell ta’ protezzjoni għall-euro fl-Istati Membri fejn il-euro mhijiex il-munita uffiċjali tagħhom.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>+</sup> Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ... (2018/0194 (COD)) u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

<sup>1</sup> Regolament (UE) .../.... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' .... li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”) (ĠU L, ..., p.)

## *Artikolu 1*

L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../ +għandha tiġi estiża għall-Istati Membri li mhumiex l-Istati Membri parteċipanti kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/1998<sup>1</sup>.

Entitajiet minn dawk l-Istati Membri għandhom jitqiesu eliġibbli għal finanzjament meta dawn ikunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru .../....<sup>+</sup>.

---

<sup>+</sup> Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ... (2018/0194 (COD)).

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill Nru (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---